### L-GHAJJUR

(i)

Ma jħobb lil ħadd, la ħbieb, lanqas għedewwa,
L-għira għamietu, lanqas jara sewwa.
Qallu xi ħadd: "Ħabib din **paranoia**,
**Il ben altrui pare ti annoia**".

(ii)

Nidem u qerr, wegħ'd 'l Alla ma jarġax —
U sikwit jgħid: "Bil-għira ma tarax;
Tara lewn wieħed biss, għajb l-ilwien kollha,
Ħduret il-qalb li tqabbżek qisha molla."

### EPITAFFJU

Hawnhekk jinsab midfun raġel tar-ruħ.
Li ta' qdusitu ħalla riħa tfuħ;
Ħabb 'l Alla b'ruħu kollha, ħabbu sħiħ,
Ħabb miegħu l-flus u l-ġid—Qaddis Ilħiħ.

### FUQ QABAR

Hawn miet min ħabb lill-muża daqs għarusa,
Imbagħad stkerraħha u stmellha daqs għaġuża.

---

## PESSIMIŻMU

*Ta'* John Azzopardi

Dak kollu l'hu kbir fija din l-art ma tridx taraħ,
Qed tkasbru u żżebilħu u taħdem biex tifgaħ.

Tkexkixa qatt imġarrba dal-ħsieb iġibli f'demmi,
Għax ħih nara quddiemi l-ħtija kollha t'hemmi.

L-imħabba lejn il-bniedem taħrabli minn ġo fija,
U nħossni qed ninfileġ bit-toqol tat-tbatija.

Aħjar minn dan il-ħsieb id-daħka ta' miġnun,
Qalb xgħir, għajat u biki f'dagħdiba ta' demm sħun.



## EPIGRAMMI

*Ta'* Anton Buttigieg

### IL-HANUT TAL-GHAMARA

Għamara ġdida għall-bejgħ, u tfajla ħelwa
għassa tal-bieb; in-nies għaddejja qajla:
in-nisa jħarsu kollha lej' l-għamara,
l-irġiel iħarsu kollha lejn it-tfajla.

### LIX-XITWA

Tgħaqqad l-għadajjar, tħoll is-sħab fix-xita,
u tqaċċat il-ballut fil-boskijiet;
'mma b'saħħtek kollha qatt ma ġgħelt lin-nisa
jgħattu daharhom waqt il-ballijiet.

### TLIET ARPJI

Tliet aħwa, tliet xebbiet, it-tlieta mxennqa
sabiex jiżżewġu, u kollu għal ta' xejn;
kull x'ħin igħaddi minn ħdejn tagħhom
jekluh u jqattgħuh bċejjeċ b'sitt għajnejn.

### IL-KANARIN

Ommu u missieru, ir-razza u r-radika
għaxu fil-jasar wara l-buttafora;
U llum għall-kanarin li dara l-jasar
x'inhija l-libertà fejn ftit skalora?

### IL-LIBSA L-GDIDA

Kif kienet Strada Rjali l-knisja daħlet,
skullata sew u bil-kmiem imqaċċtin;
kulħadd kien raha b'dik il-libsa l-ġdida:
kien fadal biss jaraha Sant'Antnin.

### L-IMHALLEF U L-KENNIES

L-imħallef u l-kennies kienu kuġini;
nafuh mhux għax l-imħallef qal man-nies,
imma għax f'kull triq li jiknes u f'kull pjazza
sejjer dejjem jiftaħar il-kennies.